MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2015

Appell Kriminali Numru. 379/2012

Il-Pulizija

vs

**Giovanni Aquilina**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat Giovanni Aquilina, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli bhala direttur tal-kumpanija Rainbowmix Concrete Limited (C6763) ghas-snin 1998, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004, 2005, 2006, 2007, 2008 u 2009 b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda naqas li jibghat il-formoli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll fir-regoli ta' l-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 ta' l-1998 mahruga ai termini ta' 'l hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta’ Lulju, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 23(1)(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolamenti 15 u 20 ta' l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998 sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu multa ta' elf Euro (€1000). Peress li l-imputat m' ghadux legalment jirraprezenta lis-socjeta' Rainbowmix

Concrete Limited il-Qorti ma mponietx multa addizzjonali. Il-Qorti spjegat lill-appellat ai fini ta' l-artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta li jekk fi zmien hames snin jerga' jinstab hati ta' xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le) tinghata sentenza, b'zieda ma' kull piena ohra, ta' mhux inqas minn tlett tijiem prigunerija, minkejja kull dispozizzjoni ta' l-Att dwar il-Probation jew f 'xi legislazzjoni ohra, jinghata
b' zieda ma' kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-27 ta' Lulju, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghogobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat Giovanni Aquilina ħati ta' l-unika mputazzjoni dedotta kontra tiegħu, u tbiddilha fil-parti tal-piena billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat multa ta' elf Ewro (€1000), timponi multa addizzjonali skont id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 23(13) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fis-17 ta' Lulju 2012 l-esponent Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet applikazzjoni żbaljata ta' l-ipoteżi tal-liġi.

Illi l-esponent qiegħed jintavola dan l-umli appell a bażi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 413(1)(b)(iv) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi jirriżulta mis-sentenza appellata illi għalkemm l-appellat instab ħati ta' reat *ai termini* ta' l-artikolu 23 tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta, inkwantu l-appellat kien direttur tas-soċjeta` *Rainbowmix Concrete Limited* għall-perjodi li fihom kien hemm in-nuqqasijiet *ai termini* ta' l-istess artikolu, l-Ewwel Onorabbli Qorti mponiet biss multa u naqset milli timponi multa oħra **addizzjonali** għal kull ġurnata li matulha jkompli jissussisti r-reat, u dana kif jipprovdi l-istess artikolu **b'mod tassattiv**.

Illi effettivament, l-artikolu 23(13) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:

> *"Kull persuna li tikser jew li tonqos li tħares id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' xi regoli msemmija fis-subartikolu (1) teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux*

> *anqas minn mija u sittax-il Ewro (116) u mhux iżjed minn elf u mija u sittin Ewro (1,160) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien,* ***u*** [1] *multa oħra ta' mhux inqas minn erba' Euro (4) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin Ewro (23) għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat wara li tinsab ħatja.....*
>
> *.... ir-reat taħt dan l-*artikolu *jibqa' jeżisti sakemm* ***min jagħmel ir-reat*** [2] *ikun ikkonforma ma' u ħares id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' kull regola msemmija fih".*

Illi kwindi huwa evidentissimu li l-Ewwel Onorabbli Qorti, dejjem bid-dovut rispett, filwaqt li kienet korretta meta mponiet fuq l-appellat multa ta' elf Ewro (€1000), kienet manifestament żbaljata meta naqset milli timponi multa addizzjonali ta' mhux inqas minn erba' Euro (€4) u mhux iżjed minn tlieta u għoxrin Ewro (€23) għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat, **kif jipprovdi l-istess artikolu 23 b'mod tassattiv**.

Illi bid-dovut rispett, ir-raġuni li tat l-Ewwel Onorabbli Qorti 'l għaliex ma mponietx din il-multa addizzjonali fuq l-appellat skond il-liġi, hija manifestament żbaljata u legalment insostenibbli.

L-Ewwel Onorabbli Qorti fil-fatt ma mponietx din il-multa addizzjonali *"peress li l-imputat m'għadux legalment jirrappreżenta lis-soċjeta' Rainbowmix Concrete Limited".* Bid-dovut rispett, dan ir-raġunament ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti huwa manifestament żbaljat. Konċess il-fatt li l-appellat irriżenja minn direttur tas-soċjeta' *de quo* fis-6 ta' Ġunju 2012, u kwindi konċess ukoll li l-appellat, b'effett minn dik id-data, m'għadux legalment jirrappreżenta lis-soċjeta` msemmija, **xorta waħda d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 23 japplikaw għalih**! Din l-Onorabbli Qorti kellha diversi okkażjonijiet li fihom esprimiet ruħha b'mod ċar u nkonfondibbli f'dan ir-rigward.

---

[1] Sottolinear / emfasi ta' l-esponent.

[2] Sottolinear / emfasi ta' l-esponent.

Illi fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spt. Anthony Agius) vs. George Vella***, deċiża minn din l-Onorabbli Qorti (*per* Onor. Imħallef Michael Mallia) fid-9 ta' Diċembru 2011, din l-Onorabbli Qorti rritjeniet illi:

> *"Peress li l-kliem "min jagħmel ir-reat" ma fiha l-ebda' definizzjoni partikulari ta' kariga* ***rrispettivament jekk dak li jkun ikunx għadu direttur jew le***[3]*".*

Fl-istess sentenza, din l-Onorabbli Qorti tkompli tgħid illi:

> *"il-Qorti tifhem li din ir-riżenja kienet waħda volontarja... u* ***r-responsabilita' tiegħu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni tibqa' viġenti***[4]*".*

*Inoltre*, għax f'dan il-każ kienet qamet il-kwistjoni tal-preskrizzjoni, din l-Onorabbli Qorti kienet ukoll irritjeniet illi minkejja li s-Sur Vella kien irriżenja minn direttur xi snin qabel, il-preskrizzjoni fil-konfront tiegħu kellha tibqa' għaddejja sakemm huwa jottempra ruħu mal-liġi.

Illi similarment, fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spt. Anthony Agius) vs. Brian John Farrugia***, ukoll deċiża minn din l-Onorabbli Qorti (*per* Onor. Imħallef Michael Mallia) fid-9 ta' Diċembru 2011, din l-Onorabbli Qorti rritjeniet illi persuna li taqdi jew li kienet taqdi l-funzjoni ta' direttur ta' kumpannija, tibqa' responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni għal dawk is-snin kollha li tkun naqset li tibgħat ir-*returns* u l-ħlasijiet dovuti, irrispettivament jekk tkunx għadha direttur jew le. *Inoltre*, din l-Onorabbli Qorti rritjeniet illi:

> *"Il-proviso ta' l-Artikolu 23(13), jipprovdi li r-reat jibqa' jeżisti "sakemm min jagħmel ir-reat...". Dawn il-kliem ifissru illi r-responsabilita' tad-direttur jew min għandu fuqu r-responsabilita' illi jottempra ruħu mal-provvidimenti tal-Kap.*

---

[3] Sottolinear / emfasi ta' l-esponent

[4] Sottolinear / emfasi ta' l-esponent

> *fuq imsemmi 372* ***jibqa' responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni anke wara illi jkun spiċċa minn direttur***[5]*. Peress illi l-kliem "min jagħmel ir-reat" ma fiha l-ebda definizzjoni partikulari ta' kariga rrispettivament jekk dak li jkun jkunx għadu direttur jew le. Jekk ma jkunx għadu direttur allura jkollu l-obbligu illi jipprova illi hu kien fl-impossibilita' illi jottempra ruhu mal-liġi minħabba raġuni jew oħra.* ***Jekk direttur jirriżenja fi żmien partikolari volontarjament, allura volontarjament ikun għalaq il-bieb sabiex jottempra ruhu mal-liġi*** *u fil-konfront tiegħu l-preskrizzjoni ma tapplikax* ***u l-proviso ta' l-Artikolu 23(13) tal-Kap. 372 jibqa' jissussisti fil-konfront tiegħu***[6]*".*

Illi din l-Onorabbli Qorti kienet ċara u kategorika fis-sentenzi tagħha dwar l-applikazzjoni ta' l-artikolu 23(13) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma jistax ikun, u ċertament imur b'mod *assai* perikoluż kontra l-ispirtu tal-liġi li kieku l-liġi kellha tippermetti li persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa ta' soċjeta' kummerċjali, bħal ma huwa direttur, jagħmel snin sħaħ ma jħallasx taxxa, u, meta jidhirlu konvenjenti, jirriżenja minn direttur u jeżonera ruħu mir-responsabbilitajiet tiegħu! B'kull rispett l-appellat Giovanni Aquilina għadu responsabbli għat-taxxa kollha dovuta, u l-*proviso* ta' l-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta huwa perfettament applikabbli għalih minkejja li llum-il ġurnata huwa m'għadux direttur tal-kumpanija.

Illi mingħajr ma wieħed itawwal inutilment, fil-każ *de quo* huwa paċifiku u inkontestat li l-appellat Giovanni Aquilina kien direttur tas-soċjeta' *Rainbowmix Concrete Limited* matul is-snin indikati fl-akkuża. Huwa wkoll paċifiku u nkontestat li bħala direttur, l-appellat Giovanni Aquilina kien responsabbli biex jibgħat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni d-denunzji tat-taxxa u l-ħlas relattiv għall-istess snin indikati fl-akkuża, xi ħaġa li huwa naqas milli jagħmel.

---

[5] Sottolinear / emfasi ta' l-esponent

[6] Sottolinear / emfasi ta' l-esponent

Kwindi, meta wieħed jara l-atti proċesswali u japplika l-artikoli tal-liġi u l-każistika nostrana dwar is-suġġett, ma hemm ebda dubju li l-appellat Giovanni Aquilina kien **u għadu** responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni għall-ħlas tat-taxxa kollha dovuta għas-snin 1998, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004, 2005, 2006, 2007, 2008 u 2009.

Illi kwindi d-dispożizzjonijiet tal-*proviso* ta' l-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta huma applikabbli għall-appellat, kif inhuma wkoll applikabbli d-dispożizzjonijiet dwar il-pieni fl-istess artikolu, fosthom il-multa addizjonali għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat. U dana b'mod **tassattiv** kif tipprovdi l-liġi stess.

Rat ir-risposta tal-appellat tas-27 ta' Dicembru, 2013.

Illi din ir-risposta qieghdha ssir skont l-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, li giet moghtija waqt is-seduta tal-4 ta' Dicembru 2013.

Illi permezz ta' sentenza tas-6 ta' Lulju 2012, l-Ewwel Qorti, wara l-ammissjoni tal-esponent, sabet lill-istess esponent hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu, u ikkundannatu multa ta' elf Ewro (€1,000), ossija multa li hija kwazi l-multa massima ta' €l,160 li seta' jigi kkundannat l-istess esponent skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 23(13) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fis-sentenza taghha, l-Ewwel Qorti, korrettement, iddecidiet ukoll illi peress li l-esponent ma kienx ghadu legalment jirrapprezenta lill-kumpanija Rainbowmix Concrete Limited, ma kellhiex tigi mposta fuq l-esponent il-multa addizzjonali.

Illi l-appell tal-Avukat Generali huwa, proprju, limitat ghal din il-multa addizzjonali, u dan ghaliex l-istess Avukat Generali jrid illi l-esponent jigi kkundannat multa addizzjonali ta' mhux anqas minn erba' Ewro (€4) u mhux izjed minn tliet u ghoxrin Ewro (€23) - skont id-disposizzjonijiet tal-istess imsemmi artikolu 23 tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta - ghal kull gurnata li matulha jkompli r-reat, ossija sa kemm il-kumpannija Rainbowmix Concrete Limited thallas dak kollu dovut ghas-snin 1998 sa 2009.

Illi fil-fehma umli tal-esponent, l-appell tal-Avukat Generali huwa manifestament infondat u dan ghal diversi ragunijiet, fosthom:

I. Il-fatt illi l-esponent m'ghadux jirrapprezenta lill-kumpannija Rainbowmix Concrete Limited mhuwiex wiehed kontestat. Fil-fatt, l-esponent ipprezenta wkoll, quddiem l-Ewwel Qorti, kopja tal-Form K relattiva li turi li huwa ma baqghax Direttur ta' din il-kumpannija b'effett mis-6 ta' Gunju 2012. Lanqas ma huwa kontestat, ghalhekk, illi llum il-gurnata l-esponent ma jistax jagixxi ghan-nom tal-istess kumpannija, u konsegwentement la jista' jiddeciedi ghan-nom taghha, u lanqas ma ghandu kontroll fuq il-finanzi taghha.

Madanakollu, l-Avukat Generali, anke f'dawn ic-cirkostanzi, irid illi l-esponent personalment jibqa' jehel multa addizzjonali, ta' kuljum, sakemm il-kumpannija tirregola l-posizzjoni taghha.

Dan, fil-fehma umli tal-esponent, u minkejja s-sentenzi li gew citati mill-Avukat Generali fl-appell tieghu, mhuwiex, u qatt ma kien, l-iskop tal-legislatur.

L-esponent qieghed fl-impossibilita' li jgieghel lill-kumpannija thallas dak li hu dovut minnha, u ghalhekk ma jaghmel l-ebda' sens legali li huwa personalment jibqa' jehel multa addizzjonali ta' kuljum sakemm l-istess kumpannija tirregola ruhha.

II. L-Avukat Generali jikkwota, b'approvazzjoni, fir-rikors tal-appell tieghu zewg sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, tad-9 ta' Dicembru 2011, li, skont hu, jikkorraboraw it-tezi tieghu li l-Ewwel Qorti kellha timponi l-multa addizzjonali fuq l-esponent.

Madanakollu, u bid-dovut rispett, is-sentenzi citati mill-Avukat Generali m'ghandhom xejn x'jaqsmu mal-imposizzjoni tal-multa addizzjonali.

Fil-fatt, dak li kien gara f'dawk is-sentenzi kien illi l-Ewwel Qorti kienet laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn tad-difiza - ghaliex l-imputati, f'dawk il-kazijiet, kienu ilhom aktar minn sentejn li rrezenjaw mill-kariga ta' Diretturi - u l-Qorti ta' l-Appell kienet iddecidiet illi r-reat kontemplat taht l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 23 tal-Ligijiet ta' Malta huwa reat permanenti, u ghalhekk ma kienet tapplika l-ebda preskrizzjoni.

Ghalhekk, bis-sahha tas-sentenzi citati mill-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu, gie deciz illi r-reat in kwistjoni huwa wiehed permanenti u ghalhekk jistghu jinhargu akkuzi

ghexieren ta' snin wara li jkun skatta r-reat - cirkostanzi li jistghu ikunu lezivi tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, kif qed jigi ritenut fir-riferenza kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Jean Pierre Borg(59/2012), li saret, proprju, wara li nghataw l-istess sentenzi - u mhux ukoll li l-Ewwel Qorti kellha timponi l-multa addizzjonali.

Is-sentenzi citati mill-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu, ghalhekk, ma jsostnux l-argument dedott fl-istess rikors, u cioe' li l-Ewwel Qorti kellha, fil-kaz odjern, timponi wkoll il-multa addizzjonali fuq l-esponent.

III. Ghal kuntrarju, dak li gja' ddecidiet din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, huwa, proprju, li persuna li ma tkunx ghadha tirrapprezenta kumpannija m'ghandhiex tigi kkundannata thallas il-multa addizzjonali sakemm il-kumpannija tirregola ruhha, kif qed jitlob l-Avukat Generali fil-kaz odjern.

Fil-fatt, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Jean Carl Farrugia, u f'cirkostanzi fejn l-imputat, f'dak il-kaz, kien gie kkundannat ihallas multa addizzjonali sakemm kumpannija tottempra ruhha mal-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, kienet sostniet testwalment is-segwenti:

"Pero', kif ikkonceda lejalment l-istess Avukat prosekutur, l-appellant, wara r-rizenja tieghu minn segretarju tal-kumpanija, f'Jannar 2005, ma baqax aktar fil-posizzjoni li jaghmel dak li ordnatlu jaghmel l-Ewwel Oorti w cioe' li fi zmien tlett (3) xhur jikkonforma ruhu mal-Ligi taht penali ta' hmisax (15) -il Euro kuljum li matulu jkompli n-nuqqas.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi [. . . . . . ] tirrevokaha fejn, bl-applikazzjoni tal-artikolu 76 ta' l-Att numru XXIII ta' l-1998, ordnatlu sabiex fi zmien tlett (3) xhur jikkonforma ruhu mall-Ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta' hmistax (15) -il Euro ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien".

Effettivament, is-sentenza tal-Ewwel Qorti fil-kaz odjern hija konformi mas-sentenza sucitata, in kwantu li ddecidiet illi persuna li ma tkunx ghadha legalment tirrapprezenta kumpanija m'ghandhiex tigi soggetta, personalment, ghal multa addizzjonali ta' kuljum, sakemm il-kumpanija tirregola ruhha.

IV. Wara kollox, kien il-Ministru tal-Finanzi stess illi habbar, dan l-ahhar, illi l-multi addizzjonali u l-imghaxijiet li jigu imposti fuq persuni li jaqghu lura fil-hlasijiet ta' taxxi dovuti huma eccessivi, u li kienu, ghalhekk, ser isiru emendi appoziti sabiex jizguraw illi persuna li taqa' lura f'tali hlasijiet tinghata opportunita' realistika sabiex tirregola ruhha, minflok tkompli titghabba b'multi u imghaxijiet eccessivi li ma jaghmlu xejn ghajr jizguraw li tali persuna ma tirpilja qatt.

Rat in-nota ta' referenzi tas-27 ta' Marzu, 2014.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi t-talba tal-Avukat Generali hi limitata ghall-fatt li l-ewwel Qorti ma mponiet ebda multa addizzjonali skont id-dispozizzjoni tal-artikolu 23(13) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ewwel Qorti fasslet id-ddecizjoni taghha fuq il-fatt li l-appellat ma kienx ghadu legalment jirraprezenta lis-socjeta' Rainbowmix Concrete Limited.

Illi l-appellat irrisenja minn direttur ta' din is-socjeta' fis-6 ta' Gunju, 2012.

Illi l-appellat hu akkuzat naqas li jibghat il-formuli tat-taxxa ghas-snin 1998, 2000 sa 2009.

Illi l-ewwel seduta ta' din il-kawza quddiem l-ewwel Qorti nzammet fid-19 ta' Novembru, 2010.

Illi jirrizulta li l-appellat kien direttur ta' din is-socjeta' bejn id-19 ta' Novembru, 2010 sas-6 ta' Gunju, 2012 u is-sentenza nghatat fis-6 ta' Lulju, 2012 wara li hu ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Illi mill-Form K ezebita fis-6 ta' Lulju, 2012 jirrizulta biss li "John Aquilina ... has resigned from director with immediate effect". Illi l-appellat jikkontendi li la hu ma ghadux jirraprezenta s-socjeta' hawn fuq imsemmija hu mhuwiex fil-kondizzjoni li jottempera ruhu mad-dettami tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta. Minbarra dan, l-appellat isostni lu hu fl-impossibilta' li gieghel is-socjeta' taghmel dak li hu rikjest minnha skont il-ligi.

Illi jirrizulta car li l-appellat kien direttur ta' din is-socjeta' minn meta bdiet il-kawza sad-data ndikata hawn fuq. Hu kellu kull oportunita' biex jara li s-socjeta' taghmel dak li kien mitluba minnha billi f'dak il-perjodu hu kien direttur fis-socjeta' msemmija. Ghalhekk, dan l-argument ma jistax jigi milqugh. Dan l-argument kien ikun validu kieku l-appellat gab ghall-inqas prova wahda li r-rizenja tieghu minn direttur kienet wahda forzata jew ghal xi raguni ohra mhux volontarja. Mill-qari tal-Form K jirrizulta li tali rizenja kienet wahda volontrja u mhux wahda sfurzata jew imposta fuqu.

Illi fuq dawn il-konsiderazzjonijiet jidher car li l-multa addizzjonali kellha tigi mposta fuq l-appellat ghaliex ghall-perjodu li jmur mid-19 ta' Novembru, 2010 sas-6 ta' Gunju, 2012 hu ma ghamel assolutament xejn biex is-socjeta' rapprezentata minnu tottempera ruhha mal-ligi. Ghaldaqstant, l-interpretazzjoni tal-proviso ta' l-artikolu 23(13) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta japplika ghalih bil-kliem "...min jaghmel ir-reat..." u ghandu jibqa' tenut responsabbli lejn il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni ghal dawk is-snin li huma ndikati fic-citazzjoni. Naturalment, jekk illum l-appellat mhuwiex f'kondizzjoni li jottempera ruhu mal-ligi hu ghandu rimedji ohra li jista' jmexxi 'l quddiem.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali. Ghalhekk, tikkonferma f'dik il-parti fejn l-appellat gie kkundannat li jhallas multa ta' elf euro (€1,000) u tirriforma s-sentenza billi timponi multa addizzjonali ta' erba' euro (€4) ghal kull gurnata li l-appellat ma jottemperax ruhu mal-ligi kif mitlub fic-citazzjoni. Din il-multa addizzjonali tibda tiddekorri mid-data tal-lum stess.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------